MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 322/2001/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Jason Barbara**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Korporazzjoni attrici li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Il-konvenut fis-16 ta’ Novembru, 1999 waqt li kien qed jesegwixxi xoghol ta’ thaffir, fi Triq Melqart, Marsaxlokk laqat *“high tension cable”* proprjeta’ tal-attur *nomine*, kif jidher minn dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok *“A”* u *“B”* rispettivament.

Id-danni sofferti mill-attur *nomine* bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi *cable* jammontaw ghal erbghat elef tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm4,352.12).

Il-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont fuq indikat permess ta’ ittra ufficjali datata 31 ta’ Mejju, 2000, hu baqa’ inadempjenti.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1) tiddikjarah responsabbli ghall-hsara kkawzata fil-proprjeta’ tal-attur *nomine* fi Triq Melqart, Marsaxlokk fis-16 ta’ Novembru, 1999.

2) tikkundannah ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta’ Lm4,352.12 *in linea* ta’ danni sofferti mill-attur *nomine* bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess proprjeta’ kif fuq premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali data ta’ 31 ta’ Mejju, 2000, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha eccepixxa illi:

1) It-talbiet tal-korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dan ghar-ragunijiet segwenti;

(a) ix-xogholijiet ta’ tqattiegh u thaffir gew esegwiti unikament minn Clyde Magro, li huwa persuna kompetenti fil-mestjer, u dan kienet tafu wkoll il-korporazzjoni attrici, tant illi l-proceduri kriminali ittiehdu biss kontra l-imsemmi Clyde Magro, u ghalhekk l-eccipjenti ma huwiex il-legittimu kontradittur, *stante* illi huwa la kkawza u l-anqas seta’ kkawza ebda hsara fil-*cable* proprjeta’ tal-korporazzjoni attrici,

(b) *in subsidju* u minghajr pregudizzju ghall-premess illi ma giet ikkawzata ebda hsara fil-proprjeta' tal-korporazzjoni attrici, b'rizultat tax-xogholijiet relattivi,

(c) *in subsidju* u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub mill-korporazzjoni attrici huwa eccessivi,

(d) *in subsidju* u minghajr pregudizzju ghall-premess illi s-socjeta' attrici qatt ma nterpellat lill-konvenut sabiex ihallas u ghalhekk fi kwalunkwe kaz l-ispejjez kollha *in konnessjoni* mal-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati interament mill-korporazzjoni attrici,

(e) *in subsidju* u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-korporazzjoni attrici m'ghandhiex dritt illi titlob il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-allegata hsara relattiva.

2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-parti mill-*cable* allegatament danneggjat mill-konvenut;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li fis-16 ta' Novembru, 1999, gie registrat *fault* fil-*cable* tal-elettriku bejn il-*Power Station* ta' Delimara u c-Centru ta' Distribuzzjoni ta' Hal-Tarxien. Saru testijiet fuq it-tul tal-cable u l-hsara giet lokalizzata fi Triq Melqart, gewwa Marsaxlokk, f'*area* fejn kien jidher li kien sar xoghol ricenti ta' skavar fit-triq *in konnessjoni* mal-izvillup li kien qed isir fuq *plot* privata faccata ta' fejn giet lokalizzata

l-hsara. Saru testijiet ohra fuq is-sit, testijiet aktar precizi permess ta’ *pilot hole*, u nstab li kanna tad-drenagg tpoggiet taqsam il-*cable* tal-elettriku, u li l-hsara fil-*cable* kienet ezatt taht il-kanna tad-drenagg. Meta tnehhiet parti mill-kanna tad-drenagg u inkixef il-*cable*, instab li fil-parti ta’ fuq tal-*cable* kien hemm toqba ta’ 15mm diametru. Fuq dan il-kaz sar rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Birzebbuga.

Il-*cable in kwistjoni* kien midfun xi metru taht l-art, u kien kopert bir-ramel u bic-cangatura fuqu. Meta saret spezzjoni tal-*cable* wara l-hsara, nstab li c-cangatura li kien hemm fuq il-*cable* kienet disturbata u miksura. Ufficcjali u inginiera tal-Korporazzjoni attrici eskludew li l-hsara grat b’*natural fault*, u kkonfermaw li l-*cable* kien jidher milqut. Wara li mill-investigazzjoni tal-Pulizija, gie identifikat il-konvenut bhala l-persuna li kienet qed taghmel xoghol ta’ skavar fl-inhawi, gie mitlub ihallas l-ispiza relattiva, li telghet ghal Lm4,352.12c, izda peress li l-konvenut baqa’ inadempjenti, infethu dawn il-proceduri.

Il-konvenut qed jikkontesta l-fatt li l-hsara fil-*cable* grat b’operat ta’ bniedem, u, f’kull kaz, qed jichad li kien hu l-bniedem responsabbli ghall-hsara.

Ghar-rigward tal-kawza tal-hsara, il-Qorti hija konvinta li din sehhet b’rizultat ta’ forza esterna maghmul mill-bniedem. Il-hsara sehhet f’parti tal-*cable* fejn inqalghet it-triq u tpoggiet katusa tad-drenagg fil-post. Irrizulta li l-cable gie disturbat, u d-disturb fil-hamrija ta’ madwaru u l-ksur tac-cangatura li kien fuq il-*cable* jindikaw li sar xoghol ta’ skavar fuq u hdejn il-*cable*. L-irdum ta’ madwar il-*cable* kien jidher frisk. L-Inginier Phyllis Borg, impjegata mal-Korporazzjoni attrici, u li ghandha esperjenza fuq *faults* simili, ikkonfermat li t-toqba fil-*cable* ma saretx rizultat ta’ hsara interna fil-*cable*, izda rizultat ta’ daqqa minn barra l-istess *cable*. Hi osservat li l-hofra probabilment saret b’daqqa ta’ fies u li kien jidher li l-materjal li kien barra ddahhal ‘l gewwa.

Hi, fil-fatt, eskludiet li l-hsara setghet grat b’mod iehor, jew b’xi kawza naturali, bhala grim ta’ gurdien, u dan peress li

l-*cable* ghandu protezzjoni ta’ armatura hoxna 2.5mm. Anke l-Inginier Charles Cuschieri, inkarigat mill-konvenut biex jaghtih pariri fuq il-kaz, ikkonferma li *“l-hsara giet minn barra tal-cable”*, u kompla jghid li l-hsara *“jista’ jkun rizultat li l-cable jew gie maghfus jew gie milqut b’xi cangun jew b’xi haga hekk jew b’xi bicca ghodda ohra tal-uzu tat-toroq”*. Ghalkemm fil-bidu tad-depozizzjoni tieghu, l-imsemmi xhud kien pjuttost newtrali dwar x’setgha ikkawza l-hsara, lejn l-ahhar tad-depozizzjoni tieghu, kien aktar konvint li l-hsara, f’cirkostanza simili, aktar tigri minn barra.

Fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi, l-Qorti hija propensa tikkonkludi li l-hsara fil-*cable* sehhet b’rizultat ta’ forza barranija, u tikkondividi l-opinjoni ta’ l-Inginier Borg li l-hsara, wisq probabbli, kienet rizultat ta’ daqqa ta’ fies.

Dwar ir-responsabilita’ ghall-incident, jirrizulta li l-konvenut kien il-kuntrattur imqabbad biex jaghmel ix-xogholijiet *in kwistjoni*, ghalkemm jidher li kien impjegat tieghu, certu Clyde Magro, li fizikament hadem fit-triq *in kwistjoni*.

Il-Qorti tibda’ biex tosserva li kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza “Mallia noe vs Camilleri”, deciza fis-16 ta’ Gunju, 1969, *“min jiftah triq dan jaghmlu dejjem a riskju tieghu”*. Dan jinghad b’aktar qawwa f’dan il-kaz fejn, kif jirrizulta, l-konvenut min rajh u minghajr l-ebda permess preventiv qabad u ghamel thaffir mhux awtorizzat. Kif gie spjegat min din il-Qorti fil-kawza “Ventura noe vs Vassallo noe”, deciza fis-27 ta’ Gunju, 2003, hadd ma jista’ jaghmel thaffir fit-triq jew f’boghod ta’ hmistax-il metru minn triq, minghajr avviz lill-Awtorita’ ta’ Trasport ta’ Malta (artikolu 27 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija), qabel l-Att XXIII tal-2000, lid-Direttur tax-Xogholijiet (ara dwar dan il-kawza “Ventura noe vs Galea”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-31 ta’ Lulju, 1996). Kompla jinghad f’din il-kawza li jekk ma jinghatax avviz u ssir hsara, sid l-art u l-kuntrattur ikunu responsabbli solidalment. F’dik il-kawza, fil-fatt, il-kuntrattur instab responsabbli ghad-danni meta laqghat *high-tension cable* meta haffer u ma taz avviz (ara wkoll applikazzjoni ta’ dan il-principju l-kawza “Maltacom

vs Carmel Vella Ltd", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Mejju, 2004).

Fid-dawl ta' dawn il-principji, l-Qorti tqies li l-konvenut, bhala kuntrattur inkarigat mix-xogholijiet, ghandu jinstab responsabbli ghal akkadut peress li ta' ordnijiet li jsir thaffir fit-triq minghajr ma qabel ottjena l-permessi relattivi, u anke ghalhiex ma segwiex bid-debita diligenza x-xoghol li kien qed isir biex jassigura ruhu li ma ssir ebda hsara lill-proprjeta' pubblika. Dak li gara sehh minhabba l-inkompetenza tal-haddiem li biex jghaddi katusa tad-drenagg, harbat u kisser sistema ezistenti tal-*cable*. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Naudi noe vs Schembri et noe", deciza fit-13 ta' Mejju, 1991, il-kuntrattur ghandu jinzamm responsabbli ghall-hsara li ssehh b'konsegwenza tal-inkompetenza ta' impjegat tieghu. Fl-istess sens hija l-kawza "Grech vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' Marzu, 1988, u l-kawza "Spiteri Sacco noe vs Pace et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Jannar, 1990.

Dwar l-ammont ta' danni, gie konfermat li l-ispiza relattiva kienet ta' Lm4,352.12, inkluz materjal u *labour* u din il-figura la giet kontestata u lanqas intwera li hi b'xi mod eccessiva. Il-Qorti, *kwindi*, sejra tadottha bhala li tirrapprezenta l-hsara li ghandha tigi maghmula tajjeb mill-konvenut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u wara li tilqa' t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici, *in linea* ta' danni, s-somma ta' Lm4,352.12c (erbat elef, tlett mija u tnejn u hamsin liri Maltin u tnax-il centezmu), bl-imghax legali mill-31 ta' Mejju, 2000, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------